**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha 7 ta' Lulju, 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 18/2020**

**Henry Allison**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-24 ta' Frar 2021 li cahdet l-appell maghmul minnu u ikkonfermat id-decizjoni tal-Arbitru tat-12 ta' Gunju 2020 u dan ghaliex l-artikolu 90 tal-Kap. 318 mhux applikabbli ghac-cirkostanzi odjerni.

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fil-partijiet saljenti taghha jinghad hekk:

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mid-Direttur Generali appellant fil-kuntest tar-risposta tal-appellat, u dan b'riferiment ghad-decizjoni appellata moghtija mill-Arbitru. Jirrizulta li l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat dwar il-possibilità li l-appell imressaq mid-Direttur Generali appellant seta' kien fuori termine, giet sorvolata ghaliex gie ppruvat li

l-appell sar fi zmien tletin gurnata minn meta l-appellant gie notifikat bid-decizjoni tal-Arbitru, u ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Il-kwistjoni odjerna taf il-bidu taghha meta l-appellant baghat jinforma lill-appellat li ghandu jirrifondi somma flus rapprezentanti beneficcji allegatament imhallsa zejda lilu ghall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018, ghaliex l-appellant isostni li l-familja tal-appellat kienet qieghda tircievi bhala ammont totali f'ghajnuniet socjali li jeccedi l-iskala stabbilita bil-Kap 318. Jirrizulta li mart l-appellat kienet qieghda tircievi assistenza ghal dizabilità severa fl-istess hin li r-ragel taghha kien qieghed jircievi ghajnuna socjali ohra, u kien ghalhekk li l-appellant ikkonkluda li l-ammont totali li l-appellati qeghdin jircievu f'beneficcji socjali jeccedi l-intitolament taghhom bhala familja. L-appellant ha l-pozizzjoni wkoll li f'dan il-kaz japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 90 tal-Kap. 318, jigifieri li l-appellat ghandu dritt ghall-beneficcju li jkun tal-akbar vantagg ghalih, jew li jithallas lilu bl-oghla rata.
L-Ewwel Aggravju: L-Arbitru ma kienx korrett meta qal li d-Dipartiment iffoka s-sottomissjonijiet tieghu fuq punt li huwa estraneju ghad-decizjoni li trid tittiehed

L-appellant isostni li l-Arbitru kien skorrett meta qal li eccezzjoni partikolari li saret mill-intimat appellant ma kinitx timmerita li tigi mistharrga, ghaliex fil-fehma tieghu din kienet estraneja ghad-decizjoni li trid tittiehed f'dan il-kaz. L-appellant sostna li huwa baqa' ma rtirax din l-eccezzjoni, u ghalhekk l-Arbitru kellu obbligu li jikkonsidraha u jaghti decizjoni dwarha. Din l-eccezzjoni tal-appellant kienet tittratta l-fatt li ladarba mart l-appellat qieghda tircievi severe disability allowance, fl-istess hin li zewgha qieghed jircievi l-ghajnuna socjali, il-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat bdew jeccedu l-iskala tal-mezzi kif stabbilita skont il-Kap. 318. F'dan l-aggravju l-appellant sostna li l-Arbitru kellu l-obbligu li jistharreg din l-eccezzjoni tieghu, stante li dan kellu obbligu japplika n-normi kollha ta' dritt sostantiv li japplikaw ghallkaz odjern. L-appellant ghamel riferiment ghal dak li jipprovdi l-artikolu 30 sub-inciz (6) tal-Kap. 318, li jghid:
"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Ghajnuna Socjali li ghaliha kap ta' familja jkun intitolat ghandha tkun dak l-ammont fil-gimgha li twassal il-mezzi fil-gimgha totali tal-membri kollha tal-familja tieghu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jahdmu ghalihom infushom, kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata tal-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bl-Ewwel Taqsima tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att ...".

Is-Sitt Skeda tal-Att imbaghad hija maqsuma f'diversi taqsimiet, fosthom taqsima bir-rati ta' skala ta' ghajnuna socjali fil-gimgha li tista' tithallas, l-oghla rata ta' pensjoni tal-età fil-gimgha, u l-oghla rata ta' assistenza mizjuda ghal dizabilità severa, assistenza ghal dizabilità severa, u assistenza ohra li tista' tinghata. L-appellant jghid li l-appellat u l-familja tieghu qeghdin jircievu mid-Dipartiment ghajnuna li teccedi l-iskala kif stabbilita bil-Kap. 318, li fl-2016 kienet ta' €134.64 fil-gimgha, fl-2017 kienet ta' €135.81 fil-gimgha, filwaqt li fl-2018 kienet ta' €136.98 fil-gimgha. L-appellant sahaq li in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318, il-mezzi fil-gimgha tal-familja tal-appellat ma setghux jaqbzu dawn l-ammonti fis-snin rispettivi, u l-appellat kien intitolat biss ghad-differenza li kien hemm bejn il-mezzi tal-familja fil-gimgha u lammonti msemmija.

Il-Qorti kkonsidrat dan l-aggravju b'riferiment partikolari ghal dak li ntqal mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti. L-avukat difensur tal-appellant ghamel riferiment ghal dak li tipprovdi t-Tieni Taqsima tal-Iskeda, specjalment ghal dak li jipprovdi r-raba' paragrafu ta' din it-Taqsima, li jelenka liema huma dawk l-ammonti, ghajnuniet, beneficcji, u allowances li wiehed m'ghandux jiehu inkonsiderazzjoni meta jigi biex jaghmel kalkolu tat-test tal-mezzi. Intqal li ladarba l-allowance ghal dizabilità severa mhijiex inkluza, din ghandha tizdied mal-lista ta' ghajnuniet li ghandhom jitnaqqsu sabiex jigi stabbilit l-intitolament ta' familja bhal dik tal-appellat. Imma din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, tenut kont li r-raba' paragrafu tat-Tieni Taqsima tal-Iskeda jaqra testwalment:
"Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg li huwa, jew jista' jigi, ricevut minn xi membru talfamilja jew li huwa jgawdi, kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima m'ghandhomx jitqiesu:
...
(c) kull Assistenza Mizjuda ghal Dizabilità Severa, Assistenza ghal Dizabilità Severa, Assistenza ghal Persuna b'Vista Batuta u Assistenza ghal Dizabilità li tkun qed tithallas lil wiehed (1) mill-konjugi meta tali konjugi ma jkunx qieghed f'impjieg assigurabbli jew lanqas self-occupied."

Dan ifisser li l-appellant huwa zbaljat meta jghid li l-familja tal-appellat f'dan il-kaz setghet tircievi biss id-differenza bejn l-ammont li hija intitolata ghalih fil-gimgha skont l-iskala msemmija, u dak li tircievi martu bhala severe disability allowance, ghaliex l-allowance li tithallas lil martu m'ghandhiex tigi kkomputata mal-kumplament tal-beneficcji li tircievi din il-familja. F'dan irrigward l-Arbitru qies li anki jekk gie stabbilit li mart l-appellat tircievi allowance ghal dizabilità severa, il-familja tista' tibbenefika minn ghajnuna ohra ghaliex din it-tip ta' allowance m'ghandhiex tigi inkluza fil-kalkolu taddhul tal-familja sabiex dawn jitqiesu eligibbli ghall-Ghajnuna Socjali. L-Arbitru qies mill-ewwel li l-pozizzjoni tal-appellant f'dawn il-proceduri ma kinitx tenibbli u ma ssib l-ebda sostenn fid-dispozizzjonijiet tal-ligi li ghandhom jigu applikati, ghaliex it-test tal-mezzi li l-appellant insista li kellu jsir f'dan il-kaz ma kellux jinkludi wkoll l-allowance ghal dizabilità severa li tinghata mart l-appellat. Din il-Qorti tghid li sew iddecida l-Arbitru fejn wasal ghall-konkluzjoni li anki f'kaz li l-mart l-appellat tircievi severe disability allowance, bhala familja huma xorta wahda intitolata ghall-ghajnuna socjali skont ir-rati stabbiliti.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li ma jirrizultax li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa gustifikat, u tichdu.

It-Tieni Aggravju: l-Arbitru naqas milli japplika l-ligi skont il-Kap. 318

L-appellant jinsisti li f'dan il-kaz l-Arbitru kellu japplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 90 tal-Kap. 318, u jiddeciedi li din il-familja ghandha tircievi l-oghla beneficcju li tista' tircievi, jew hlas tal-aktar rati vantagguzi ghaliha, u din m'ghandhiex jedd tircievi hlasijiet doppji tal-beneficcji. L-artikolu 90 tal-Kap. 318 fil-fatt jipprovdi illi:
"Hlief kif provdut b'mod specifiku jew kif jiftiehem mod iehor f'dan l-Att dwar Ghajnuna Socjali, Pensjoni tal-Età, Allowance ghal Carer u Allowance mizjuda ghal carer li tithallas taht dan l-Att, meta persuna [enfasi tal-Qorti] jkollha dritt, minkejja dan l-Artikolu, ghal zewg pensjonijiet, allowances, beneficcji jew

ghajnuna fl-istess waqt hija ma jkollhiex jedd ghalihom it-tnejn, izda jkollha dritt ghal dik il-pensjoni, allowance, beneficcju jew ghajnuna li jkunu l-aktar ta' vantagg jew li jkunu jithallsu b'dik ir-rata li tkun oghla."

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz l-appellat jircievi l-ghajnuna socjali bhala kap ta' familja, filwaqt li l-mara tieghu, bhala individwu, tircievi severe disability allowance. Din it-tip ta' allowance mhijiex ikkontemplata fl-artikolu 90 tal-ligi, u la hija pensjoni tal-età u lanqas hija allowance ghal carer, u ghalhekk f'dan il-kaz ma jistax jintqal li l-appellat qieghed jircievi zewg pensjonijiet, jew zewg allowances jew zewg beneficcji, ghaliex dan mhuwiex il-kaz. L-applikant ghall-Ghajnuna Socjali f'dan il-kaz mhux l-istess persuna li qieghda tircievi s-severe disability allowance, u ghalhekk l-Arbitru kien korrett meta kkonkluda li l-artikolu 90 tal-Kap. 318 ma japplikax f'dawn ic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhux misthoqq, u tichdu.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda tiddeciedi dwar l-appell tal-appellant billi filwaqt li tichad l-aggravji tal-appellant, tikkonferma d-decizjoni appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez a karigu tal-istess appellant.

**Ikkunsidrat**
L-aggravju tar-ritrattand huma s-segwenti:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Japplika ghall-kaz odjern dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Superjuri fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe** ghar-rigward tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12:

> '… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin'. (Ara **AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.**, App. 27/3/2003; **Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri**, App. 2/6/2003; u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et**, App. 10/10/2003).

L-aggravju tar-ritrattand Direttur Generali hu wiehed car u jirreferi ghal parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell rigward l-ewwel aggravju tad-Direttur Generali kif riportat f'paragrafi 17 sa 19 tas-sentenza dwar is-severe disability allowance li kienet intitolata ghaliha mart ir-ritrattat.

Ir-ritrattand ipoggi l-aggravju b'dan il-mod:

Fil-kaz in dizamina, meta din l-0norabbli Qorti giet biex tikkunsidra jekk il-mezzi fil-gimgha tal-familja tar-ritrattat Henry Allison kienux jeccedu l-iskala tal-mezzi, hija korrettement ghamlet referenza ghal dak li jipprovdi l-artikolu 30, sub-inciz (6) tal Kap. 318, u cioe:
"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Ghajnuna Socjali li ghaliha kap ta' familja jkun intitolat ghandha tkun dak l-ammont fil-gimgha li twassal il-mezzi fil-gimgha totali tal-membri kollha tal-familja tieghu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jahdmu ghalihom infushom, kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata tal-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bl-Ewwel Taqsima tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att..";

Imbaghad hija kompliet billi kkunsidrat li s-Sitt Skeda ghall-Kapitolu 318 hija maqsuma f'diversi taqsimiet, fosthom taqsima bir-rati ta' skala ta' ghajnuna socjali fil-gimgha li tista' tithallas, l-ghola rata ta' pensjoni tal-eta' fil-gimgha, u l-oghla rata ta' assistenza mizjuda ghal dizabilita' severa, assistenza ghal dizabilita' severa, u assistenza ohra li tista' tinghata;

Il-Qorti kkunsidrat ukoll r-rata ta' skala massima ta' Ghajnuna Socjali fil-gimgha li l-familja Allison kienet eligibbli ghaliha hekk kif stabbilita skont it-Taqsima I tas-Sitt Skeda fis-snin rispettivi ta' meta sar il-hlas zejjed, u cioe dik ta' €134.64 fis-sena 2016, €135.81 fis-sena 2017 u €136.98 fis-sena 2018. Hija hadet konjizzjoni tal-argument li ghamel id-Direttur appellant, illum ritrattand, u cioe li l-mezzi fil-gimgha tal-familja ta' Henry Allison ma setghux jaqbiu dawn l-ammonti fis-snin rispettivi u ghalhekk ir-ritrattat kien intitolat biss ghad-differenza li kien hemm bejn il-mezzi tal-familja tieghu fil-gimgha u l-ammonti hawn fuq imsemmija;

Illi f'dan ir-rigward id-Direttur appellant, illum ritrattand, kien issottometta li matul l-arbitragg kien gie ppruvat mid-Dipartiment li l-mara tal-ritrattat, Taryn Allison, kienet qieghda tippercepixxi l-Assistenza ghal Disabilita' Severa fis-snin 2016, 2017 u 2018. Hija kienet qieghda tithallas ir-rata ta' €100.96 fil-gimgha fis-sena 2016, €102.13 fil-gimgha fis-sena 2017 u €103.30 fil-gimgha fis-sena 2018, u dan skont ir-rekords li gew ipprezentati mid-Dipartiment fl-atti tal-arbitragg. Fl-appell tieghu, id-Direttur ritrattand spjega li gialadarba l-mezzi fil-gimgha tal-familja Allison kienu €100.96 fis-sena 2016, €102.13 fis-sena 2017 u €103.30 fis-sena 2018, ir-ritrattat kien intitolat biss ghad-differenza f'Ghajnuna Socjali fil-gimgha bejn dawn l-ammonti u r-rata ta' skala massima ta' Ghajnuna Socjali fil-gimgha li l-familja Allison kienet eligibbli ghaliha hekk kif stabbilita skont it-Taqsima I tas-Sitt Skeda, u cioe dik ta' €134.64 fis-sena

2016, €135.81 fis-sena 2017 u €136.98 fis-sena 2018. B'hekk, ir-ritrattat ma seta' qatt ikun eligibbli ghar-rata shiha ta' Ghajnuna Socjali fil-gimgha u huwa minn hawn li kien irrizulta li sar hlas zejjed lir-ritrattat Allison;

Fil-paragrafu 18 tas-sentenza taghha din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ghat-Taqsima II tat-Tieni Skeda. Dan peress li l-artikolu 30, sub-inciz (6) tal-Kapitolu 318 li gie ccitat aktar 'il fuq jistipula li l-mezzi fil-gimgha totali tal-membri kollha tal-familja tal-beneficjarju ghandhom jigu kkalkulati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda, li fiha ssir referenza ghall-paragrafi 2 sa 5 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda;

Infatti, il-paragrafu 2 tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda jaqra hekk:
"Il-mezzi li jingabru jew li jistghu jingabru minn kull proprjetà, dhul jew privilegg kif imsemmi fit-Taqsima II ta' din l-lskeda ghandhom jinhadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi minn 2 sa 5 tal-imsemmija Taqsima III b'dan illi minkejja d-dispozizzjonijiet tal-paragrafu 4(b) taghha, ghandha titqies kull Ghajnuna Socjali u/jew pensjoni jekk ikun il-kaz, li tkun ga qieghda tithallas taht dan l-Att lill-istess kap ta' familja u lill-konjugi tal-kap tal-familja jekk ikun il-kaz, meta ssir it-talba ghal dik l-ghajnuna. " (enfasi tar-ritrattand);

Dan ifisser li ai fini ta' kalkolu tal-mezzi fil-gimgha tal-familja ta' applikant li jressaq talba biex jibda jircievi l-Ghajnuna Socjali ghandhom jigu applikati l-istess regoli li japplikaw ghall-kalkolu tal-mezzi li jrid isir meta persuna tapplika biex tibda tibbenfika mill-Ghajnuna ghall-Mard;

Minhabba dak li jghid il-paragrafu 2 tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda l-Qorti ghamlet referenza partikolari ghar-raba' (4) paragrafu tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda, liema paragrafu jelenka liema huma dawk l-ammonti, ghajnuniet, beneficcji u allowances li wiehed m'ghandux jiehu inkonsiderazzjoni meta jigi biex jaghmel it-test tal-mezzi, u fil-fatt ikkwotatu testwalment hekk kif jaqra fil-prezenti gurnata. Dan il-paragrafu llum il-gurnata jghid hekk:
"Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg li huwa, jew jista' jigi, ricevut minn xi membru tal-familja jew li huwa jgawdi, kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima m'ghandhomx jitqiesu:
…
(c) kull Assistenza Mizjuda ghal Dizabilità Severa, Assistenza ghal Dizabilità Severa Assistenza ghal Persuna b'Vista Batuta u Assistenza ghal Dizabilità li tkun qed tithallas lil wiehed (1) mill-konjugi meta tali konjugi ma jkunx qieghed f'impjieg assigurabbli jew lanqas self-occupied. " (enfasi tar-ritrattand);

Fid-dawl ta' dak li jiddisponi dan il-paragrafu, din l-Onorabbli Qorti ma qablitx ma' dak li kien issottometta d-Direttur fir-rikors tal-appell tieghu u rrimarkat li huwa kien ibaljat meta argumenta li l-allowance ghal dizabilita' severa li kienet qieghda tircievi mart ir-ritrattat kellha tigi meqjusa fil-kalkolu tal-mezzi fil-gimgha li kellha l-familja tar-ritrattat. Dan peress li l-artikolu kif jinsab fil-ligi llum il-gurnata jghid b'mod specifiku li l-Assistenza ghal Diiabilita' Severa m'ghandhiex tigi kkunsidrata fil-kalkolu tat-test tal-mezzi. B'hekk, fil-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti, ir-ritrattat Allison kien eligibbli ghar-rata shiha ta' Ghajnuna Socjali u b'konsegwenza t'hekk kien ifisser li ma kien sar l-ebda hlas zejjed lilu da parti tad-Dipartiment;

Madankollu, id-Direttur ritrattand jirrileva li din l-Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta hija applikat ghall-kaz inkwistjoni l-paragrafu 4 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda kif jaqra llum il-gurnata. Dan ghaliex lura fis-sena 2018, u cioe' is-sena li fiha ttiehdet id-decizjoni mid-Direttur esponent, dan il-paragrafu tal-ligi kien jistipula xort'ohra. Infatti, it-Tieni Skeda ghall-Kapitolu 318 giet emendata permezz tal-Att VIII tal-2020 li gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-20 ta' Marzu 2020. Harsa lejn dan l-Att, b'mod partikolari lejn il-kawsola 33 tieghu, ghandha twassal lil dak li jkun biex jifhem li permezz ta' dan l-Att sar tibdil sonstanzjali fil-paragrafu 4 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda. B'mod partikolari din il-klawsola tghid car u tond li f'dan il-paragrafu kien qieghed jigi mizjud dan li gej:
"(c) kull Assistenza Mizjuda ghal Dizabilità Severa, Assistenza ghal Dizabilità Severa, Assistenza ghal Persuna b'Vista Batuta u Assistenza ghal Dizabilità li tkun qed tithallas lil wiehed (1) mill-konjugi meta tali konjugi ma jkunx qieghed f'impjieg assigurabbli jew lanqas self-occupied.";

Dan ifisser li l-paragrafu (c) li gie ccitat minn din l-Onorabbli Qorti fil-paragrafu 18 tas-sentenza taghha, gie introdott ghall-ewwel darba fil-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sena 2020. Bid-dovut rispett, id-Direttur ritrattand jissottometti li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma setghet qatt tapplika ghall-kaz inkwistjoni artikolu tal-ligi li ma kienx jezisti, la meta sar il-hlas zejjed u lanqas meta ttiehdet id-decizjoni tad-Direttur (u cioe' bejn is-sena 2016 u s-sena 2018). F'dan il-kaz, din l-Onorabbli Qorti kellha l-kompitu li tapplika l-ligi kif kienet taqra meta ttiehdet id-decizjoni tad-Direttur u mhux kif kienet taqra fil-mument li kienet qieghda tinghata s-sentenza;

Ghall-beneficcju ta' din il-Qorti, id-Direttur ritrattand qieghed jirriproduci l-paragrafu 4 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda ghall-Kapitolu 318 kif kien jaqra lura fis-sena 2018. Dan kien jistipula kif gej:
"4. Fil-kalkolu tad-dhul jew privilegg li huwa, jew jista' jigi, ricevut minn xi membru tal-familja jew li huwa jgawdi, kif hawn qabel imsemmi f'din it-Taqsima ma ghandhomx jitqiesu:
(a) l-ewwel €95 li johorgu mill-uzu tal-proprjetà;
(b) kull Ghajnuna Socjali, Ghajnuna dwar il-Lebbra, Ghajnuna dwar it-Tuberkolozi, Ghotja ghal Halib u Ghajnuna ghal Mard li jithallsu taht dan l-Att u kull pensjoni jew pensjonijiet (sew jekk imhallsin taht dan l-Att sew jekk le) sa ammont massimu totali ekwivalenti ghall-ghadd kollu tal-oghla rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali, inklui l-Allowance Addizzjonali li jithallas skont l-istat civili ta' min ikun qed jaghmel it-talba kif imsemmi fit-Tnax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att;
(c) kull Allowance Supplimentari, Allowance tat-Tfal, Allowance ghal Min Jiehu Hsieb, Allowance ghal Tifel b'Dizabilità jew Beneficcju tal-Maternità mhallas taht dan l-Att;
(d) 84.3% tad-dhul nett totali, jew ta' xi paga jew salarju jew ta' xi privilegg, beneficcju jew allowance jew ta' pensjoni zejda li tkun qieghda jew tista' tigi ricevuta minn dak il-membru tal-familja jew li huwa jkun qieghed igawdi, barra mill-kap tal-familja jew mill-konjugi ta' dak il-kap; u ghal dan il-ghan id-dhul nett totali, il-privilegg, il-beneficcju, l-allowance jew il-penjsoni zejda ghandhom jitnaqqsu b'kull hlas ta' taxxa fuq l-income li jsir mill-persuna li tkun skont l-Att dwar . it-Taxxa fuq l-lncome, u l-espressjoni "pensjoni zejda" tfisser kull parti

mill-pensjoni li tkun 'il fuq mill-Pensjoni Minima Nazzjonali kif imsemmi fil-paragrafu (b);
(e) kull ammont imsemmi fil-paragrafu 3(b) u (c) tat-Taqsima I ta' din l-Iskeda;
(f) kull stipendju ricevut minn xi membru tal-familja, li ma jkunx il-kap tal-familja jew il-konjugi ta' dak jew dik il-kap tal-familja fiz-zmien meta jkun qieghed isir kors ta' studji jew istruzzjoni full-time taht skema li tithaddem mill-Gvern ta' Malta, sew jekk din tkun jew ma tkunx tinvolvi perjodi ta' xoghol u ta' studju; u ghal dan il-ghan "stipendju " ma tinkludix xi paga jew rimunerazzjoni ohra li tista' tithallas lill-persuna koncernata matul xi fazi ta' studju li tista' tkun parti minn skema bhal dik; u
(g) l-ewwel €470 li jinkisbu bi qligh minn persuna li taghmel hdim ta' maljar bl-idejn, bizzilla, xoghol tal-ganc u rakkmu gewwa d-dar u li l-manifattura ta' dak l-artigjanat ma tkun tinvolvi ebda process mekkaniku.";

Minn qari akkurat ta' dan il-paragrafu ghandu jirrizulta li l-Assistenza ghal Dizabilita' Severa ma taqax f'wiehed mis-sub-incizi tieghu u ghaldaqstant din l-Assistenza, lura fis-sena 2018, kellha tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalkolu tal-mezzi fil-gimgha tal-familja tar-ritrattat Henry Allison. Dan ifisser li kieku din l-Onorabbli Qorti applikat il-paragrafu 4 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda ghall-Kapitolu 318 kif kien vigenti fis-sena 2018, hija kienet tasal ghal konkluzjoni li hija ferm differenti minn dik li waslet ghaliha meta fis-sentenza taghha applikat il-paragrafu 4 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda kif jaqra fil-prezenti gurnata. Isegwi ghalhekk, li kieku din l-Onorabbli Qorti applikat il-ligi l-korretta hija kienet tasal ghall-istess konkluzjoni li wasal ghaliha d-Direttur fid-decizjoni tieghu tat-30 ta' April 2018, u cioe' li bejn is-snin 2016 u 2018, ir-ritrattat Allison ma kienx eligibbli ghar-rata shiha ta' Ghajnuna Socjali u ghalhekk hu kien thallas zejjed ammont sonstanzjali f'din l-Ghajnuna;

Minghajr mal-Qorti tqis jekk fil-mertu tal-kwistjoni ghandux ragun ir-ritrattand jidher minn qari tal-ligi kif kienet fil-perjodu rilevanti cioe bejn l-2016 u 2018, hemm differenza netta u l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazina ghal kaz liema ligi kienet dak li waslet lil Qorti tal-Appell tichad l-ewwel aggravju tar-ritrattand, liema aggravju kien jolqot is-sustanza tal-appell.

Il-Qorti izzid illi la darba ma hemm ebda dipozizzjoni transitorja fl-Att VIII tal-2020 li tirrendi l-ligi applikabbli retroattivament, allura kellha tigi applikata l-ligi kif kienet bejn l-2016 u 2018 u mhux kif inbidlet fl-2020. Ara f'dan is-sens **Dr John Buttigiet vs Antony Tabone**, App 27/05/2005.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2021 kienet l-effett ta' zball fil-ligi, u qed thassarha kif irid l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, u

tordna li l-appell jinstema mill-gdid. L-ispejjez ikunu regolati fis-sentenza finali mehud in konsiderazzjoni illi din il-kwistjoni tal-ligi applikabbli fiz-zmien in kwistjoni ma kinitx giet mistharrga quddiem il-Qorti tal-Appell.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur